# Is-Sliem

Settembru 2006 — Nru. 204

Knisja Arċipretali
ta' San Filep
ta' Agira,
Ħaż-Żebbuġ

Tel. Uffiċċju: 21460800
Mob: 79729252
Tel. Dar: 21465586
Uffiċċju Parrokkjali:
9, Triq il-Parroċċa,
Ħaż-Żebbuġ ŻBĠ 02

*Messaġġ ta' l-Arċipriet:*

# ITTRA MIFTUĦA ... LILL-ĠENITURI LI JIBAGĦTU LIL ULIEDHOM GĦAD-DUTTRINA

Għeżież Ġenituri,

Ma għandi l-ebda dubju li uliedkom huma ħafna għal qalbkom! Naf li lesti li tagħmlu ħafna sagrifiċċji għalihom. Konvint li tixtiqulhom l-aħjar possibbli!

Però xi kultant faċli nitfixklu meta niġu biex nagħmlu ċerti għażliet. U dan mhux dejjem it-tort tagħkom. Qegħdin ngħixu f'soċjetà li qiegħda titfa' wisq pressjoni fuq uliedna, li nistqarr qiegħda teqred it-tfulija ta' uliedna! U aħna, mingħajr ma nkunu nafu, ninħakmu minn din il-kultura u nimbottaw lil uliedna fit-telgħa tal- kompetizzjoni, sakemm naqtgħulhom nifishom!

Hemm min iwaħħal fis-sistema edukattiva ta' pajjiżna. Hemm min iwaħħal fl-għalliema. U hemm min iwaħħal fil-ġenituri.

Jekk inkun sinċier, nemmen li kulħadd għandu ftit tort!

Biex ma nsemmix, ukoll, l-estremiżmu li jeżisti f'dan ir-rigward!... B'riżultat li għandek tfal li jitilgħu jiġru.... u dawk li jibdew jaqtgħu nifishom, u wkoll naqtgħu qalbna minnhom aħna!

Ġenituri, hemm bżonn naraw x'inhu l-aqwa ġid għall-wild (jew ulied) tagħna!!!... U f'dan id-dawl għandna nieħdu d-deċizjonijiet li hemm bżonn li nieħdu!!

"Dak li tizra', taħsad!..." Hija frazi li mhix l-ewwel darba li smajnieha. .... Tridu li lil uliedna niżirgħu fihom it-twemmin u l-valuri nsara?...

**Din** hi l- mistoqsija!!!

**Irridu jew le, lil uliedna, niżirgħu fihom it-twemmin u l-valuri nsara?!!...**

It-tibdil li ser iseħħ fil-qasam tal-katekiżmu matul din is-sena, l-għan tiegħu hu li jintlaħaq dan il-għan!!!

Ma iriridux naraw id-duttrina bħala ħela ta' ħin jew xi ħaġa żejda!!! Għall-kuntrarju, il-mumenti li ser iqattgħu dawn uliedna fil-klassijiet tad-duttrina għandhom iservu biex jgħinu lil uliedna jiffaċċjaw l-isfidi tal-ħajja tal-lum fid-dawl tal-Fidi. Għalhekk, uliedna għad jirringrazzawna li kabbarna fihom il-Fidi!

Min ma jridx jifhem l-importanza ta' dan it-tibdil li ser inniedu, nitolbu jaċċettah.... u nitkellmu wara! -

Naf li t-tibdil propost se jitlob aktar sagrifiċċju mill-ġenituri; iżda, m'iniex inniedi dan it-tibdil, b'kapriċċ!! Ser indaħħal dan it-tibdil, għax konvint li huwa meħtieġ u li minnu ser joħroġ iktar ġid, li l-frott tiegħu għad narawh 'il quddiem!

Il-Mulej iberrikkom!

Fr. Daniel Cardona,
Arċipriet.



*Tfal tal-Preċett. Uliedna għad jirringrazzjawna li kabbarna fihom il-Fidi!*

**DAK LI TIŻRA', TAĦSAD!... NIŻIRGĦU F'ULIEDNA L-VALURI TAT-TWEMMIN NISRANI!**

***SETTEMBRU, f'Dit-Taqbila:***

SETTEMBRU.... fi tmiem Sajf-ħuġġieġa,
u dħul il-ħarifa fewwieġa!....
....Ix-xah'r ta' **Marija Bambina**,
bla tebgħa tad-dnub, wisq irżina!!...
....Omm Alla, u Ommna,.... u **wensna**,
li ssawwab il-**Grazzji** fuq ġensna!!

*SAGITTARIUS.*

# IR-REV'DU DUN PHILIP GATT:
## B'50 Sena ta' ħidma Saċerdotali Mimlija u Mbierka!



*Fl-1956: Dun Philip Gatt (it-tieni mix-xellug) quddiem id-dar tiegħu fi triqtu lejn il-Knisja Arċipretali għall-ewwel quddiesa solenni tiegħu.*

Għat-tieni darba matul din is-sena, il-parroċċa tagħna qiegħda tifraħ, magħquda u miġbura madwar qassis ieħor tagħha, fl-okkażjoni tal-50 anniversarju tas-Saċerdozju tiegħu!... Il-ħabrieki qassis Żebbuġi, ir-Rev'du Dun Philip Gatt, kien ingħata s-Sagrament ta' l-Ordni Sagri fit-22 ta' Settembru ta' l-1956.

Ħamsin sena saċerdozju li, Dun Philip, għaraf u rnexxielu jimliehom b'ħidmiet pastorali, amministrattivi, reliġjużi u soċjali varji, imlewnin u interessanti qatigħ! Impossibbli, f'dal-ftit spazju li għandna, nidħlu fid-dettal ta' dak kollu li mela l-ħajja saċerdotali ta' Dun Philip. Iżda, fost l-attivitajiet tiegħu, ma nistgħux ma nsemmux, ingħidu aħna, l-għaxar snin li huwa għamel, ma' Mons. Salv Laspina, fil-"Kummissjoni Djoċesana *Films*", bir-responsabbiltà li jiggwida lill-insara maltin u għawdxin rigward il-livelli morali tal-*films* li kienu jidhru fis-swali tagħna.

Ma nistgħux ma nsemmux l-esperjenzi ta' Dun Philip Gatt fil-qasam ġurnalistiku soċjali-reliġjuż, meta serva, għal tliet snin, bħala l-editur ta' l-organu ta' l-Azzjoni Kattolika: "IL-ĦUĠĠIEĠA", jiġifieri fil-perjodu ta' bejn il-magħrufin Pawlu Saliba u Mary Caruana.

Fil-parroċċa tagħna ddedikata lil S. Filep t'Agira, Dun Philip Gatt ħadem, u ħadem ħafna, kemm fil-qasam pastorali, kif ukoll fil-qasam amministrattiv u soċjali. Serva, għal snin, bħala l-Viċi-Parroku "ta' bil-lejl" --- jiġifieri, bil-missjoni li joħroġ **huwa,** għal kulma jinqala', bil-lejl, jassisti 'l-moribondi, ecc..., jamministra s-Sagramenti tal-Qrar, tat-Tqarbin u tal-Griżma tal-Morda, eċċ... Imbagħad, sa minn żmien l-Arċipriet Dun L. Cachia (illum, Monsinjur) --- li ftit tax-xhur ilu fakkarna wkoll il-50 anniversarju tas-Saċerdozju tiegħu ---, u wkoll matul it-tmexxija parrokkjali ta' l-Arċipriet Dun Charlie Attard, Dun Philip Gatt serva bħala l-Viċi-Parroku tal-parroċċa tagħna.

....Min qatt jista' jinsa d-dehra ta' Dun Philip, għaddej fit-toroq tagħna bl-Ostja Mqaddsa marsusa ma' sidru, fi triqtu biex iżur u jqarben lill-morda, u jikkonfortahom bil-kelma twajba u għaqlija tiegħu!?...

Bħalma ħadd qatt ma jista' jinsa s-sehem kbir amministrattiv (u ħafna drabi manwali!) li Dun Philip Gatt ta lill-parroċċa għażiża tagħna: a). fil-ġbir ta' fondi għall-Festa tal-Patrun; b). fiż-żebgħa u l-pittura tas-saqaf u n-navi tal-Knisja Parrokkjali (u jarma u jżarma, huwa nnifsu, l-i*scuffolding*, eċċ...); ċ). fis-sehem kbir tiegħu fil-bini tas-Sala Parrokkjali "Dun Mikiel Xerri", u l-bqija....!

Iżda, fuq kollox, Dun Philip Gatt xehed --- u għadu jixhed! --- li huwa l-qassis (is-saċerdot) konfessur, it-tabib spiritwali, il-bniedem bil-kelma tal-faraġ u d-dawl!... Imfittex qatigħ minn dawk li jħossu l-ħtieġa li jistqarru dnubiethom biex jissaffew minnhom, lil Dun Philip Gatt għadna nsibuh sal-lum, fis-Santwarju tal-"Qalb ta' Ġesù", iqarar u jgħallem u juri t-triq it-tajba, u jisfa ta' wens għal dawk kollha li jfittxuh!... Bħalma għadu wkoll sal-lum --- xi ħaġa li ilu jagħmilha snin sħaħ --- imur iżur, fil-Ħdud, lill-morda fl-isptarijet, u jfarraġhom fi ħtiġiethom materjali u spiritwali!

**Flimkien ma' l-Arċipriet, il-Kleru u l-Membri kollha ta' din il-Parroċċa, nifirħu minn qalbna lir-Rev'du Dun Philip Gatt għal dawn il-50 sena mlewnin u mimlijin ħidma mbierka, tas-Saċerdozju tiegħu, u nawgurawlu aktar għomor, saħħa u dehen biex, bħalma qalilna li jitlob kontinwament huwa stess: "Alla l-Imbierek jibqa' jużah, meta, kif, u skond kif jidhirlU li huwa l-aħjar!!..."**

**KUMM. PARR.**
**"RELAZZJONIJIET PUBBLIĊI U *MEDIA*"**





FUNERAL SERVICE

JOHN SPITERI
(TA' L-ANTENNA)

155,
TRIQ L-ISQOF CARUANA,
ĦAŻ-ŻEBBUG

(BISWIT IL-KUNSILL LOKALI)

TEL: 2146 4286
(matul il-jum)

MOB: 7946 4286
(24 siegħa)

C-TEX fashions

Jennifer Attard
Director

1, Vjar il-Ħelsien, Żebbuġ, Malta.
Tel/Fax: (00356) 21 463 503
Mobile: (00356) 7933 6834
e-mail: ctexfashion@hotmail.com

## IL-ĠRANET U L-ĦINIJIET AĠĠORNATI TAT-TAGĦLIM TAD-DUTTRINA F'ĦAŻ-ŻEBBUĠ, GĦAS-SENA 2006/7

### JIBDEW NHAR IT-TNEJN, 25 TA' SETTEMBRU 2006.

### IT-TFAL KOLLHA SE JIBDA JKOLLHOM DARBTEJN FIL-ĠIMGĦA!

***MUSEUM* SUBIEN – 89, Triq De Rohan:**

It-tfal **kollha** (i.e. l-*Infants*, ta' l-Ewwel Tqarbina, tal-Griżma I, tal-Griżma II u tal-Griżma III) ser jitqassmu f'ŻEWĠ Gruppi:

L-Ewwel Grupp: It-Tnejn u l-Ħamis, mis-5.45pm. sas-6.30pm.
It-Tieni Grupp: It-Tlieta u l-Ġimgħa, mis-5.45pm. sas-6.30pm.

***MUSEUM* SUBIEN – Ħal Mula:**

Grupp **wieħed**: It-Tnejn u l-Ħamis, mis-5.45pm. sas-6.30pm.

***MUSEUM* BNIET – Triq il-Knisja:**

L-*Infants*, ta' l-Ewwel Tqarbina, tal-Griżma I u tal-Griżma II: It-Tnejn u l-Ħamis, mill-5.30pm. sas-6.30pm.
Tal-Griżma III: It-Tlieta u l-Ħamis, mill-5.30pm. sas-6.30pm.
Ta' Wara l-Griżma: L-Erbgħa u l-Ġimgħa.

**AZZJONI KATTOLIKA, XEBBIET -- 64, Triq il-Kbira** (Ħdejn "Villa San Filep": l-Uffiċċju Parrokkjali):

Ta' l-Ewwel Tqarbina: It-Tnejn u l-Ħamis, mill-4.15pm. sal-5.00pm.
Tal-Griżma I, II u III: It-Tnejn u l-Erbgħa, mill-5.15pm. sas-6.00pm.

**ĊENTRU "SANTA MARIJA", Ħal Muxi -- Triq Santa Marija:**

L-*Infants*: It-Tlieta u l-Ħamis, mill-4.30pm. sal-5.00pm.
Ta' l-Ewwel Tqarbina: It-Tnejn u l-Ħamis, mill-4.30 sal-5.00pm. (**Bniet**).
Tal-Griżma I: L-Erbgħa u l-Ġimgħa, mill-4.30pm. sal-5.00pm. (**Bniet**).

**ĊENTRU "TAL-GRAZZJA" – Triq il-Grazzja**:

L-*Infants*: It-Tnejn u l-Ħamis, mill-4.30pm. sal-5.00pm.
Ta' l-Ewwel Tqarbina: It-Tnejn u l-Ħamis, mill-4.00pm. sal-4.45pm.
Tal-Griżma I: It-Tlieta u l-Ġimgħa, mill-4.45pm. sal-5.30pm.

**ŻONA TA' ĦAL MULA – ĊENTRU "BNIET" – Sorijiet Franġiskani "Missjunarji ta' Marija":**

Ta' l-Ewwel Tqarbina: It-Tnejn u l-Ħamis, mill-4.30pm. sal-5.30pm.
Tal-Griżma I: It-Tnejn u l-Ħamis, mill-4.30pm. sal-5.30pm.
Tal-Griżma II: It-Tnejn u l-Ħamis, mill-4.30pm. sal-5.30pm.
L-*Infants*: It-Tlieta u l-Ġimgħa, mill-4.30pm. sal-5.30pm.
Tal-Griżma III: It-Tlieta u l-Ġimgħa, mill-4.30pm. sal-5.30pm.

## DUN PHILIP GATT: 50 SENA SAĊERDOT – Quddiesa ta' Radd il-Ħajr

Ir-Rev'du DUN PHILIP GATT jixtieq jistieden lill-**parruċċani kollha** biex jingħaqdu mal-qraba u l-ħbieb tiegħu f'Quddiesa ta' Radd il-Ħajr lil Alla għall-50 SENA TA' SAĊERDOZJU TIEGĦU,

**Nhar il-Ġimgħa, 22 ta' Settembru 2006, fis-6.30pm, fil-Knisja Arċipretali.** (M'humiex ser jintbagħtu inviti personali).

**N.B.: Min-naħa tagħna lkoll, filwaqt li nirringrazzjaw lil DUN PHILIP GATT għal din l-istedina tiegħu, minn qalbna nixtiqulu: *AD MULTOS ANNOS*!!**

## FESTA F'ĠIEĦ MARIJA ADDOLARATA

Nhar il-Ħadd, 17 ta' Settembru, nattendu bi ħġarna u nieħdu sehem, b'devozzjoni u qima, fil-PURĊISSJONI TAD-DULURI, madwar il-Parroċċa tagħna! Il-Purċissjoni tibda fis-7.00PM., u matulha, jingħad ir-Rużarju kkontemplat fuq il-*loudspeakers*. Wara l-Purċissjoni, titkanta l-Antifona u tingħata l-Barka Sagramentali.

**N.B.:** Id-dettalji kollha tal-Festa sħiħa tad-Duluri, issibuhom fil-fuljett "tad-Duluri" li qiegħed jitqassam f'kull dar.

TOYOTA
THE QUALITY EXPERIENCE

# FAMILJI TAJBIN.... KATEKIŻMU..... VOKAZZJONIJIET!

## Kitba tas-Seminarista JOSEPH PELLICANO

Meta wieħed ikabbar siġra joħloq ambjent addattat għal dik is-siġra. Fil-bidu jħawwel xitla żgħira li jagħtiha s-sustanza, isaqqiha, issaħħaħha, jipproteġiha mill-elementi tan-natura li jagħmlulha l-ħsara u jara li dik is-siġra tikber fis-sod. Hekk kif jibda jgħaddi ż-żmien, dik is-siġra tibda tikber u tagħti l-frott lill-bidwi. U, aktar ma jieħu ħsiebha, aktar tagħti frott!

Dik is-siġra titħawwel f'kull familja meta din ikollha wild ġdid. It-tarbija tingħata kull attenzjoni biex tikber f'saħħitha; u hekk għandu jkun! Iżda jasal iż-żmien li din it-tarbija tikber u ssir żagħżugħ jew żagħżugħa u anke tasal biex tieħu l-istat tagħha.

Jista' jkun li llum żagħżugħ jasal li jagħżel li jsir saċerdot?!... Iva!!

Li wieħed illum jagħżel li jidħol is-Seminarju, tabilħaqq, mhix ħaġa ħafifa! Dan minħabba li hawn ħafna aktar possibiltajiet (li jistgħu jkunu tajbin, ukoll!) li jagħtu aktar fil-għajn. Min-naħa l-oħra, Alla jibqa' jsejjaħ u jħalli fil-libertà ta' l-individwu biex iwieġeb jew le! Iżda, tagħmel sens li twieġeb għarrieda t'Alla **bla** ma taf **min** verament **hu** dan Alla li, għax iħobbok, għażel li jmut għalik?!... Biex wieħed ikun jaf xi jrid l-imgħallem tiegħu, l-ewwel irid ikun jaf min hu l-imgħallem tiegħu!

Niftakar, meta kont fl-ewwel snin il-MUSEUM, il-katekist kien isaqsina, "Għalxiex ħalqek, Alla?" U aħna f'kor wieħed konna nwieġbu: "Alla ħalaqni biex nagħrfU, inħobbU u naqdiH u, wara din il-ħajja, immur ingawdiH għal dejjem fil-ġenna." ...Mela, biex tħobb u sservi 'l Alla, l-ewwel trid tagħrfU!,

Illum lit-tfal kulħadd jixtiqilhom il-ġid biex jarahom aħjar. L-isbaħ ħaġa li tista' tagħti lit-tfal hija t-TAGĦLIM! Permezz tat-tagħlim, it-tfal u ż-żgħażagħ isiru midħla tassew ta' dan Ġesù. Jekk trid lit-tifel jew it-tifla tiegħek ikunu sodi, għinhom iħobbu t-tagħlim. Naturalment it-tfal żgur ma jkunux tgħallmu kollox sal-Griżma. Anzi, aktar ma jikbru, permezz ta' min imexxihom u wkoll permezz ta' sħabhom, kapaċi jsiru jagħrfu min hu dan Ġesù u eventwalment xi jrid minnhom!

Illum, jekk irridu, insibu ħin għal kollox! Ħafna ġenituri jibagħtu 'l uliedhom għal diversi lezzjonijiet biex jiskopru talenti ġodda fihom; u sewwa jagħmlu! Iżda, mbagħad, kemm qegħdin nagħtu importanza biex it-tfal tagħna jirċievu **l-għajn ta' kull ġid?**... Iva, il-Beatu Dun Ġorġ hekk fisser it-tagħlim: bħala **"l-għajn ta' kull ġid"!!**

Iżda, l-ewwel katekiżmu, it-tfal jirċevuh mid-dar. Id-dar għandha tkun skola fejn għandhom iduqu l-imħabba t'Alla. Għandhom ikunu l-ġenituri li jħeġġu lit-tfal jersqu għall-quddiesa ta' spiss u jmorru jżuru 'l Ġesù Ewkaristija, bħala familja. Ma nistgħux inserrħu biss fuq il-lezzjonijiet tar-Reliġjon, fil-katekiżmu fil-MUSEUM jew fiċ-ċentri tad-duttrina! Jenħtieġ li fid-djar tagħna jkun hemm ambjent fejn Ġesù jinħass verament! Il-ġenituri għandhom ikunu l-ewwel pont b'saħħtu bejn Ġesù u uliedhom!

It-tagħlim hu dik is-sustanza li tgħin lil dik is-siġra tikber u tagħmel għeruq fondi u sodi, biex ħadd u xejn ma jkun jista' jaqlagħha! Żgur li għad hawn żgħażagħ li, fost il-frott bnin li ser jagħmlu, hemm it-tweġiba għas-saċerdozju! Dan, jiddependi minni u minnek.... kemm qegħdin inwasslulhom lil Ġesù!!



***Abbatini Żebbuġin. Minkejja kollox, żagħżugħ illum jista' jagħżel li jsir saċerdot!***

TWANNY SPITERI
u
WENZU PSAILA

Funeral Service

*24 Hour Service*

4, 'Shalom',
Triq il-Watar,
Ħal Mula, Ħaż-Żebbuġ.

Day/Night
Tel: 2146 0950
Office: 2147 2219
Mob: 9947 1168




FREDDIE'S
FOOTWEAR

Għand Freddie's, issibu
żraben eleganti tan-nisa,
żraben għal tibdila
ta' l-irġiel u tat-tfal,
*casuals*, *sports shoes*
minn ditti rinomati,
basktijiet ta' l-iskola, *handbags*
u kartieri.

**Tel: 2146 5915**
**Sciortino Street, Ħaż-Żebbuġ.**

*Issettjat u Stampat: Veritas Press, Żabbar*